MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 38

[Nhar it-Tlieta t-28 ta' Frar 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Joseph Galea – Kunsillier
Neville Chetcuti – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Schembri – Kunsilliera
Jeremy Cardona– Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippresjeda l-laqgħa.

## 38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

38.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Viċi Sindku Ralph Mangion għandu jasal fis-6pm.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

38.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-handyman għamel ix-xogħol meħtieġ fuq il-bus stage [ref punt 36.2.1] 'Vilhena'. Is-Sindku qal illi għad jonqos illi ssir il-ħġieġ.

38.2.2 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm bżonn ta anti-slip [ref punt 36.2.2] quddiem il-garaxxijiet fejn jaħslu l-karozzi ġo Gżira Road.

38.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jaħdem fuq it-tender tal-EU Consultant [ref punt 36.2.3] iżda wara li jlesti dawk illi huma pendenti.

38.2.4 Is-Sindku qal illi ma rċieva l-ebda risposta rigward Manoel Island [ref punt 36.2.5]. Qal illi se jagħti ċans sal-laqgħa li jmiss.

38.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Gladiators qablu li jużaw il-grawnd tal-iskola għat-trejning [ref punt 36.2.6]. Is-Sindku għandu jara mal-President ta' Gżira Utd. Ħalli żgur ma jkunx hemm bookings kull nhar ta' Tnejn u Tlieta bejn il-5.30pm sat-8pm u nhar ta' Sibt.

**Il-Viċi Sindku wasal fis-6.05pm**

38.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġà hemm Un/Loading Bay fejn għamlu t-talba 'International Marine'. Fejn il-Banif hemm Un/Loading bay barra Muscat Motors.

38.2.7 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv marru fuq il-post fejn qegħdin jibnu t-torri. Qal illi triq ir-Rebħa ma kienx hemm parking fuq iż-żewġ naħat [ref punt 36.3.4]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem mal-Projects Manager u qal illi biex issir one-way street bi parking fuq żewġ naħat irid iħalli 6.8mtrs bejn bankina u oħra.

38.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi lesta l-ittra u n-nies għandhom sal-aħħar ta' Marzu biex jibagħtu l-provi li għandom bżonn Reserved bay [ref punt 36.5.1]

38.2.9 Wara diskussjoni dwar it-talba biex issir graffiti ma ħajt pubbliku [ref punt 36.6.4], il-kunsillier Joe Galea ssuġġerixxa l-ħajt tal-iskola primarja [Sliema Road] waqt illi ġie diskuss ukoll il-possibilita li ssir ġo triq Manoel. Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi min qed jieħu ħsieb ix-xogħol se jsib sponsor iżda forsi l-Kunsill għandu joħroġ xi spejjez ukoll. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rridu nkunu ċerti li l-ingredjenti huma aċċettabbli skond il-GPP minħabba l-fumes.

38.2.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-residenti kollha madwar il-Poly Clinic irċevew ittra biex infakkruhom dwar il-bye-law rigward il-kontroll tal-ħamiem.

## 38.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsill approva l-Minuti tal-laqgħa [nru. 37] urġenti tal-Kunsill rigward il-Financial Statements u l-mid term report.

## 38.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

38.4.1 Is-Sindku approva talba minn Muscat Motors biex jagħmlu bollards mal-kantuniera tal-bankina [Msida Rd c/w Rue D'Argens] bil-kundizzjoni li jkun hemm aċċess għal 'pedestrians'. Il-Viċi Sindku ssekondja l-proposta u kien hemm qbil bejn il-kunsilliera.

38.4.2 Il-Kunsill irċieva żewġ talbiet mingħand hawkers biex jaħdmu max-Xatt.
Wara diskussjoni l-kunsillieri qablu li dawn jaħdmu, dejjem skond il-permess illi ngħataw minn entitajiet oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-każ ta' wieħed illi jixtieq ibiegħ l-ikel u x-xorb minn fuq rota, dan għandu l-liċenzji neċessarji. Fil-każ tat-tieni rikwest 'Chicken Rotisserie', is-Sindku qal illi hu għandu l-liċenzji neċessarji. Il-kunsilliera Graziella Schembri qalet illi għandna nkunu ġusti mal-ħwienet/restaurants fil-viċinanza. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm regolamenti minn naħa tat-Trading Licence Unit fejn, per eżempju, wieħed irid ikun 50 metru 'l bogħod minn postijiet oħra li jbiegħu l-ikel u x-xorb. Il-Kunsill iddiskuta jekk għandhom iħalsu xi ħaġa lill-Kunsill għall-permess. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kiku se nistaqsu għal xi ħaġa lura, għandna bżonn bye-law.

38.4.3 Kumitat tal-Edukazzjoni u Kultura: Il-Kunsill irċieva l-lista tal-kandidati għall-kumitat tal-edukazzjoni u kultura. Il-Kunsill approva l-lista, waqt illi qablu li jibagħtu lill-individwi oħra li jħossu li huma kapaċi jagħtu kontribuzzjoni.
Fuq l-istess tema, il-kunsilliera Graziella Schembri qalet illi għandna nuzaw l-attivita tal-Karnival bħala 'learning experience' peress illi kien hemm attendenza fqira. Wara diskussjoni s-Sindku ppropona li naħdmu id f'id mal-għaqdiet waqt illi l-kunsilliera Graziella Schembri ppropponiet li l-oganizer jieħu ħsieb ix-xogħol li hemm bżonn għall-attivitajiet iżda li l-Kunsill jgħin fejn jidħol marketing. Il-kunsilliera rringrazzjaw lill-event organizer għax-xogħol illi għamel għall-attivita.

38.4.4 Is-Sindku qara emajl mill-event organizer fejn spjega li mhux se ssir l-attivita tal-Għid peress illi l-isponsor [Maypole] qal illi ma tantx baqa żmien biex nagħmlu attività suri ta' nies.
Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hu ħass illi se jiġri hekk, avolja inizjalment intqal illi kollox kien ippreparat għall-attivita. Qal illi l-Maypole ġie mistieden għall-attivita tal-Karnival fejn ftit li xejn xtraw prodotti mingħandu u forsi għalhekk dan qata qalbu mill-attivita tal-figolli.
Fuq il-punt tal-attivitajiet, il-Kunsill qabel illi nixtru Standard u bandiera biex nuzawhom fl-attivitajiet tagħna.
Il-kunsillier Joseph Galea qal illi huwa importanti li jkun hemm baġit għal kull attività. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi konna qbilna fuq baġit ġenerali għall-attivita u li fil-baġit tas-sena hemm ammont għall-attivitajiet kollha [kif ukoll spejjez oħra għall-komunita] għas-sena.

Il-kunsillier Joseph Galea qal ukoll illi hemm bżonn ninvestu f'notice boards ġodda.
Rigward il-mezz kif għandna nxandru l-aħbar dwar l-attivitajiet ġie diskuss il-possibilita li niġbru n-numru tar-residenti u nibdew nibagħtu SMS's in bulk.

38.4.5 Traffic Committee: Il-Kunsill qabel mal-lista li ġie provdut mill-kunsilliera. L-individwi se jiġu nnotifikati biex jikkonfermaw l-interess tagħhom.

38.4.6 Kor Nazzjonali: Il-Kunsill qabel illi ssir bootcamp b'kollaborazzjoni mal-kor nazzjonali, fejn il-Kunsill għandu jipprovdi sala lill-kor għal nhar is-Sibt 22 t'April 2017.

38.4.7 Is-Sindku qal illi TM mhumiex lesti jħallsu l-ammont ta' €800,000 li hemm bżonn għall-idea tagħna għall-ġnien. Ic-CEO qal illi hu lest joħroġ €250,000. Il-Kunsill approvaw li nuzaw l-istess ammont ta' flus mill UIF funds tagħna. Is-Sindku żied illi għandna sponsor għall-kameras tal-ġnien.

**Il-kunsillier Wayne Hewitt telaq fis-7.35pm**

Off-street parking: Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, iltaqa ma uffiċjal ta' TM li se jitfa l-proposti tagħna lill-TM biex ikun hemm off-street parking fil-lokalita, kif ukoll residential parking. Żied illi għadu ma rċieva l-ebda risposta mill-avukat wara li talbu informazzjoni dwar każ fil-passat meta għamlu użu ta' off street parking ġo post privat ġewwa Rue D'Argens.

Il-Kunsill qabel li ssir attività fit-12 ta' Marzu għall-kommemorazzjoni barra l-knisja fl-okkazzjoni tal-pusses tiegħu bħala Kappillan fl-1935. Is-Sindku se jara mal-Kappillan biex jiddiskuti miegħu x'l-aħjar isir dakinhar tall-attivita. Il-Kunsill qabel.

## 38.5 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

38.5.1 Graziella Schembri: 'Il-Kunsill jista jieħu ħsieb xogħol ta' manutenzjoni fuq l-isleeping police ta' triq Edgar Bernard peress ilil residenti qegħdin jilmentaw fuq l-istorbju kull darba li jagħdu karozzi minn fuqhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien mar fuq il-post, flimkien mall-handyman u l-handyman qal illi TM għandhom l-equipment biex jagħmlu dax-xogħol. Qal illi rridu neħilsu minn dawn l-isleeping police u nagħmluhom bir-rubber.
Il-Kunsill qabel illi nagħmlu żebgħa fuqhom biex almenu nagħmlu ftit manutenzjoni.

## 38.6 Rapporti

38.6.1 Baġit: Ġie ppreżentat il-baġit finali għas-sena 2017. Is-Sindku ppropona li japprovaw id-dokument u ġie ssekondjat mill-kunsillier Neville Chetcuti.

38.6.2 Tenders: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna bid tal-karozza għall-prezz ta' €15,000. Qal illi għandna nibagħtu clarifications biex jibgħat id-dokumenti kollha meħtieġa.

Bulky Refuse: Il-Kunsill irċieva żewġ bids. Il-Kunsill qabel mal-irħas wieħed li kien ta' €4.50 per household [l-ieħor kien ta' €25 per household] u skond l-ispecs. Qal illi qed jistenna l-approvazzjoni tad-DoC.

Il-kunsilliera Graziella Schembri telqet fit-8.10pm

## 38.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

38.7.1 Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi xi ħadd reġa daħal ġol-ħadid li konna għamilna max-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat lill-pulizija biex jara jekk irċevewx rapport.

38.7.2 Il-kunsillier Neville Chetcuti fakkar lill-kunsill illi nhar it-Tnejn 6 ta' Marzu se jkun hemm il-clean-up ta' Manoel Island flimkien ma Kindred Company Limited. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat emajl lill-press/midja iżda s'issa ħadd ma kkonferma l-attendenza.

36.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi lejn l-aħħar tas-sena 2016 kien ressaq talba biex noħorġu tender biex nimpjegaw persuna biex tieħu ħsieb id-Day Centre u l-informazzjoni/attivitajiet kollha għall-anzjani. Qal illi ma kienx ħareġ it-tender peress illi sema li t-thresholds se jogħlu fil-procurement u biex ma noħorġux iżjed flus milli hemm bżonn, iżda issa sar jaf illi se ndumu biex nirċievu l-go-ahead fuq dawn it-thresholds. Għamel talba biex joħroġ it-tender u nagħtu tmien t'ijiem ċans biex japplikaw ħalli nibdew naħdmu mal-kuntrattur sal-aħħar tax-xahar jekk possibbli. Il-Kunsill qabel.

## 38.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

38.8.1 Il-Kunsill approva l-PAS.

## 38.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

38.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Marzu 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 21 ta' Marzu 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |